# Wied il-Għajn mill-Arkivju tal-Parroċċa

## minn Anton Attard

L-importanza ta' l-arkivji parrokkjali fid-damma ta' ġrajjiet belt jew raħal Malti hija indiskutibbli. Min jaf kemm ġrajjiet saru magħrufa minn dak li ħallew miktub xi kappillani u saċerdoti oħra, sa minn mijiet ta' snin ilu, f'xi wieħed mir-reġistri, fl-arkivju tal-parroċċa tagħhom. L-arkivju tal-parroċċa ta' Wied il-Għajn ma jmurx lura daqshekk, iżda xorta waħda jista jinsilet minnu tagħrif interessanti dwar il-villaġġ ta' dawn l-aħħar tmenin sena.

**L-Ewwel Folji tar-Reġistru tal-Magħmudijiet**

Minn fost ir-reġistri miżmuma fl-Uffiċċju Parrokkjali naħseb li l-aktar interessanti hu r-Reġistru tal-Magħmudijiet, fl-antik magħruf bħala l-*Liber Baptizatorum*. F'din il-parroċċa dan inbeda fl-1918 minn Dun Lazzru Balzan, li nħatar l-ewwel Viġarju Kurat meta Wied il-Għajn sar viċi-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.

L-ewwel paġna tar-Reġistru tal-Magħmudijiet ħaditha Anna Saliba, bint Anġlu u Evanġelista, li kienet l-ewwel tarbija li ġiet mgħammda fil-knisja ta' dan il-villaġġ. Kif kien isir dik il-ħabta, twieldet id-dar, li kienet fix-xaqliba taż-żonqor, nhar it-28 ta' Diċembru 1918. Għammduha l-għada, skond id-drawwa ta' dak iż-żmien, meta t-tarbija kienet tittieħed il-knisja għall-magħmudija, jew dakinhar li titwieled jew inkella l-għada. B'hekk għal bosta snin, bl-eċċezzjoni ta' xi tewmin, rari kien ikun hemm aktar minn tarbija waħda għall-magħmudija. L-ewwel darba li kien hemm tnejn kien fit-13 ta' Ottubru ta' l-1934, meta Dun Alwiġ Psaila għammed lil Indri Buħaġiar u lil Toni Camenżuli, li t-tnejn kienu twieldu jum qabel.

Anġlu u Evanġelista Saliba ma kinux biss il-koppja li għammdet l-ewwel tarbija f'Wied il-Għajn. Kienu wkoll il-ġenituri li għammdu l-ewwel trabi tewmin, li ġew imgħammda f'dan il-villaġġ. Fid-19 ta' ġunju ta' l-1922, Dun Lazzru Balzan għammdilhom lil Franġisku u lil Toni, li kienu twieldu jum qabel.

**Familji Numerużi**

Familji numerużi f'dan il-villaġġ qatt ma kienu nieqsa. L-ewwel familja numeruża li titfaċċa, wara li l-magħmudijiet bdew jiġu reġistrati hawn, kienet dik ta' Anġlu u Karmena Fenech. F'April ta' l-1921, Dun Lazzru għammed l-ewwel wild tagħhom, li semmewh Ġużeppi. F'Sttembru ta' sena wara, kellhom lil Grezzju. Għal sena wara oħra, baqgħu joktru b'Marija, Toni, Rużar, Kristina u, fl-aħħar, b' Karmenu, f'Lulju ta' l-1928.

Wara l-familja mdaqqsa li ffurmat il-koppja Fenech kien hemm familji oħrajn bħalhom, iżda naħseb li ebda waħda minnhom ma tisboq l-importanża fl-istorja demografika ta' dan il-villaġġ li għandha l-familja ta' Pawlu u Filomena Bianco. Din il-koppja għandha d-distinzjoni li tellgħet l-akbar familja li qatt kellu Wied il-Għajn. Bejn Awissu ta' l-1948 u ġunju ta' sittax –il sena wara, il-koppja Bianco kellhom xejn anqas minn tnax -il tarbija, fosthom żewġ pari tewmin. L-ewwel tewmin li kellhom kienu Anna u Franġisku Saverju. Tliet snin wara, kellhom lil Tony u lil Karmenu.

Mal-medda tas-snin, Pawlu u Filomena komplew iniżżlu isimhom fl-istorja ta' dan il-villaġġ, billi tnejn minn

u aktar tard, *Strada Nuova* (illum Triq S.Anna) Tikkonkludi dan, billi t-trabi li tgħammdu sa dak iż-żmien, kollha twieldu f'xi waħda minn dawn it-toroq.

Mill-1936 imbagħad, mir-Reġistru tal-Magħmudijiet tara l-abitazzjoni f'dan il-villaġġ tinfirex aktar. Dik is-sena tiġi reġistrata l-ewwel magħmudija ta' tarbija li twieldet fi *Strada San Antonio.* Sena wara fi Triq il-Knisja, Triq La Sengle u Triq San Ġużepp. Fl-1942, titfaċċa għall-ewwel darba Triq San Tumas u sena wara din, jiġu reġistrati, għall-ewwwel darba wkoll, twelidijiet li saru f'Wied iż-żiju u fil-Latmija.

### Magħmudijiet mhux tas-soltu

Fis-snin tal-gwerra, ir-Reġistru tal-Magħmudija iżżewwaq b'magħmudijiet ta' adulti barranin. Billi magħmudijiet ta' din ix-xorta m'humiex tant spissi, mhux ta min iħallihom għaddejjin. Fis-17 ta' Marzu ta' l-1940, niltaqgħu ma' l-ewwel barrani li tgħammed f'Wied il-Għajn. Kien John Packman, ta' 21 sena. Fil-magħmudija, li saret mill-Kanonku Dun Ġużepp Spiteri, John għażel li l-ewwel isem tiegħu fir-Reġistru tal-Magħmudija issa jkun Micheal.

Fid-9 ta' Marzu ta' l-1941 niltaqgħu ma' żewġ barranin oħra. Kienu żewġ Ingliżi bħal dak ta' qabilhom, probabbilment, membri tas-Servizzi. Dakinhar, il-Kanonku Mari għammed lil George Beasley, ta' 37 sena, u lil Anthony Harder, ta' 28 sena. Ta' l-ewwel għażel li l-ewwel isem tiegħu isir Paul u l-ieħor għażel li jieħu dak ta' Eugenius. F'Settembru ta' l-istess sena, tgħammed adult barrani ieħor. Dun Mikiel Spiteri għammed lil William Gaffe, ta' 37 sena, li għażel li jibda jissejjah George. Xahar wara, l-istess saċerdot għammed lil Robert Raw, ta' 22 sena, li għażel li jieħu l-isem ta' Edward.

Mhux ta min jinsa li, f'dawk is-snin, Malta kienet miżgħuda b'nies tas-Servizzi Ingliżi li fosthom kien hemm min iltaqa' ma' xi tfajla Maltija u spiċċaw jiżżewġu. Iżda ġeneralment, qabel ma kienu jaslu għal dan, il-barrani, li kien jinżerta ta' twemmin ieħor, kien ikun mixtieq minnu li jħaddan it-twemmin tagħna.

### Mid-Dar għall-Isptarijiet

Tul l-ewwel 23 sena minn meta nbeda l-*Liber Baptizatorum,* it-twelid dejjem ġie reġistrat li kien sar id-dar. Iżda fl-1941, seħħ dak li 'llum hu regolarissmu. F'Lulju ta' dik is-sena, fl-Arkivju ġiet reġistrata l-magħmudija ta' l-ewwel tarbija minn Wied il-Għajn li twieldet fi sptar. Kienet Joan Frampton, bint Ambrose u Clotilde nee' Medati. Probabilment, il-missier kien fl-Armata, għax it-twelid sar f'*David Bruce Military Hospital,* l-Imtarfa.

F'Diċembru ta' l-1954 tgħammdet l-ewwel tarbija li twieldet l-isptar tal-*Blue Sisters,* San ġiljan. Fit-12 ta' Lulju 1955, Dun Karm Xuereb għammed l-ewwel tarbija li twieldet l-isptar San Luqa, tmint ijiem qabel.

Fix-xhur li ġew wara, ma tantx kien hemm wisq li għażlu li jwelldu l-isptar. Iżda min nofs l-1958 sa l-aħħar xhur ta' l-1962 bdew jiżdiedu u komplew, sakemm lejn tmiem l-1965, it-twelid li ġie reġistrat fil-parroċċa, fil-biċċa l-kbira sar f'xi sptar, l-aktar fl-Isptar San Luqa; għalkemm, qajl qajl, l-Isptar ta' Santa Katerina sar popolari wkoll. L-ewwel tarbija li twieldet f'dan l-isptar għammidha hawn Dun Alwiġ żammit, fis-27 ta' Mejju 1962.

Fil-bidu tas-Snin Tmenin, kien lest l-isptar Karen Grech, fejn isiru l-biċċa l-kbira tat-twelidijiet illum. L-ewwel tarbija minn dan il-villaġġ li ġie reġistrat li twieldet f'dan l-isptar tkun Claire Axiaq, fl-14 ta' Lulju 1981.

### Intietef Interessanti Oħra

Dak li ġie reġistrat fis-snin li ġew wara l- 1949, is-sena li fiha Wied il-Għajn sar

parroċċa toffri xi kurżitajiet mhux ta' min iħallihom għaddejjin. Tajjeb li jingħad li, l-ewwel tarbija li għammed Dun Tarċis Aġius, l-ewwel kappillan, wara li Wied il-Għajn sar parroċċa, kienet dik li isimha irreġistraħ bħala *Josepha*. Kienet bint Salvu u Teresa Pulis, li ġiet imgħammda fil-25 ta' Marzu, sitt ijiem wara li ġie fis-seħħ id-digriet li biħ Wied il-Għajn inqata' mill-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.

Xahrejn wara, kellna xi ħaġa ġdida oħra għal dan il-villaġġ. Fil-5 ta' Mejju tgħammdet l-ewwel tarbija li ngħatat uffiċjalment it-tieni isem. Issemmiet Margaret-Anne. Kienet bint John u Maria Mallia.

Id-drawwa tant komuni 'llum, li bosta drabi l-parrini jkunu għażla bejn wieħed u waħda min- nanniet, ġenituri ta' missier u ta' omm it-tarbija, rari kienet issir fl-antik. Il-parrini kienu jkunu xi qraba jew xi ħbieb tal-qalb. L-ewwel nanniet parrini ta' dix-xorta li ltqajna magħhom fir-Reġistru tal-Magħmudijiet kien meta tgħammdet Carmela Xerxen, fit-30 ta' Ottubru ta' l-1949. Il-parrini kienu Karmenu Xerxen, li kien missier Karmenu, missier it-tarbija u Ġużeppa Abela, omm Bersabea, omm it-tarbija.

Minn ftit tas-snin 'l hawn, beda jiġi stabbilit jum partikulari li fiħ isiru l-magħmudijiet fil-parroċċa. Jum minn dawn, li qatt ma kien hawn ieħor bħalu f'Wied il-Għajn, kien dak tas-7 ta' Settembru 1988. Fiħ, għal darb' oħra, jispikkaw membri tal-familja Pawlu u Filomena Bianco. Dakinhar tgħammdu Francesca, bint Carmel, Nicholas, bin John u Maria, bint Anna Calleja, kollha ulied l-aħwa Bianco. Amministra s-sagrament Fr. Noel Bianco MSSP, iż-żiju tat-trabi.

Ta min jikkonkludi bi twelid u magħmudijiet partikulari ta' żminijiet riċenti. Mir-Reġistru tal-Magħmudija joħroġ li Andrew Caruana Montaldo kien l-aħħar tarbija minn dan il-villaġġ li twieled fis-Seklu Għoxrin. Twieled fit-28 ta' Diċembru 1999, u tgħammed mill-Kappillan Dun Charles Abela, ftit ġimgħat wara. Tmint ijiem wara, Wied il-Għajn laqa' l-ewwel tarbija tal-millennju ġdid. Fil-5 ta' Jannar 2000, twieldet Anne-Marie Fava, bint Andrew u Bernie. ġiet imgħammda xahrejn preċiż wara minn Dun Michael Bellizzi, viċi-kappillan tal-parroċċa.

Min jista' jgħid x'intietef għad jiskopru dwarna u dwar żminijietna dawk li, ħames jew tmien għexieren ta' snin warajna, għal xi raġuni jew oħra, ikollhom iqallbu l-paġni ta l-Arkivju Parrokkjali!

